Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 259/2013

**Elizabeth Calleja**

**Vs**

**David Dowdall**

12 ta' Jannar, 2018.

1. Permezz ta' rikors prezentat fit-3 ta' Settembru 2013, l-attrici talbet lil Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallas, in linea ta' danni s-somma li tigi likwidata ghal danni kagunati minhabba mperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti, meta fit-3 ta' Settembru, 2012, dahal l-ilma mill-fond tal-intimat ghall-fond ta' l-attrici liema ngress ikkawza danni kemm fil-mobbli kif ukoll fl-immobbli fil-fond in kwistjoni. Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat;

2. Il-konvenut wiegeb:

   *"i. Illi, in linea preliminari, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) m'hijiex il-forum kompetenti, ratione materie, biex tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza stante li danni jistghu jigu likwidati biss mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili;*

   *ii. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda billi ma huwiex minnu illi l-hsarat ikkawzati fil-propjeta' tal-attrici gew minhabba xi tort tal-konvenut;*

   *iii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fil-mertu, id-danni sofferti tal-attrici huma danni li gew kawzati minn forza maggura li fuqha ma kellu l-ebda kontroll l-esponenti;*

   *iv. Illi f'kull kaz l-esponenti jzomm il-propjeta' tieghu fi stat tajjeb u ghaldaqstant huwa impossibbli li d-danni li soffriet l-attrici kienu tort tieghu;*

   *Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni inkluz dik ta' l-ittra legali mibghuta fis-sebgha (7) ta' Awissu tas-sena elfejn u tlettax (07/08/2013)".*

3. B'sentenza tat-8 ta' Gunju, 2016 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elf sitt mija u hamsin ewro (€1,650),

danni li sofriet fil-fond taghha meta fit-3 ta' Settembru 2012 dahal l-ilma mill-fond tal-konvenut u kkawza hsara f'mobbli li kien hemm fil-fond.

4. Il-konvenut appella. L-aggravju hu relatat mal-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel qorti.

5. Mid-deposizzjoni tal-attrici u ta' wliedha hu evidenti li l-ilma dahal min-naha fejn hemm il-fond tal-konvenut.

6. L-appellant ghamel enfazi fuq dak li xehed il-perit William Soler (xhud tal-appellant) fis-seduta tal-21 ta' Mejju, 2014. Pero' l-perit Soler qal li mar fil-fond f'April 2014, cjoe' xhur wara l-incident. Dan apparti li l-perit tekniku Mario Cassar, xehed in eskussjoni:

   *"Meta jiena kkunsidrajt il-hsarat u* ***kkonstatajt illi kien hemm probabbilta' kbira ta' ingress ta' ilma mill-fond aggacenti****,.... It-tip ta' hsarat li hemm murija a fol. 5 tar-rapport tieghi issir biss meta jsir kagun tal-ilma cioe' meta jispolja l-ilma dan jixrob l-ilma u tobzoq il-fuljetta u bi probabbilta dawk il-hsarat saru bl-ingress tal-ilma".*

7. L-appellant argumenta li:

   *"10. Fil-fehma tal-konvenut, l-Ewwel Qorti waqt li hadet konjizzjoni ta' dak li qalet l-attrici 'li rat ictu oculi l-ilma niezel mill-hajt divizorju ta' bejnha u bejn l-konvenut', ma haditx konjizzjoni li l-attrici qalet li 'rat hafna ilma niezel mill-kcina' meta il-kcina, kif xehed il-Perit Soler fuq il-pjanta li giet ipprezentata fl-atti processwali 'il-parti ta' gewwa net hemm il-kcina fil-proprjeta tal-attrici li ma tmissx mal-proprjeta tal-konvenut'. Allura jirrizulta li l-imsemmi hajt divizorju huwa bejn l-attrici u terzi u mhux bejnha u l-konvenut u b'hekk f'dan il-kaz il-konvenut ma jinkwadrax".*

   Fl-ewwel lok il-hsara saret fis-sufan u f'ghamara (ara rapport tal-perit Mario Cassar, fol. 69), li l-qorti tifhem li ma kinux fil-kcina izda fis-salott. L-attrici stess xehedet li ilma dahal ukoll mis-salott (fol. 21). Ambjent li l-qorti fehmet li m'hemmx kontestazzjoni li hu appogg mal-fond tal-appellant. Dan apparti li l-perit Soler stess xehed, *"Pero jien ma kejjiltx u dan qed nghidu da occhio biss"*. Dan ifisser li l-perit Soler ma kejjilx biex jiddetermina jekk xi parti mill-kcina tal-fond tal-attrici kinitx appogg mal-fond tal-konvenut. Ladarba ma ttiehidx kejl, hemm stat ta' incertezza. F'haga bhal din il-perit ma kellux jistrieh fuq impressjoni li ha *"da occhio biss"*. Ghalhekk il-qorti ma tistax tikkonkludi li l-perit Soler ikkontradica lill-attrici.

8. Hu minnu wkoll li l-perit Soler xehed li meta dahal fid-dar tal-attrici, kien hemm *'patches'* mal-hitan li attribwixxa ghall-umdita' li hemm fil-fond u mhux

dhul ta' ilma ricenti. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li fit-3 ta' Settembru 2012 ma dahalx ilma fil-fond tal-attrici. L-istess xhud qal ukoll li peress li l-proprjetajiet jinsabu f'nizla li ddeskriviha bhala *'hafifa', "... ghalhekk dejjem jghaddi l-ground water minn taht il-proprjeta' ta' kulhadd"*. Pero' ma jirrizultax li dak li gara lill-attrici gara wkoll f'bini iehor tal-girien. Dan apparti li m'hemmx prova li l-ilma beda hiereg mill-madum. L-attrici stess xehedet li l-ilma pperkola mill-hajt divizorju ta' bejn il-proprjetajiet tal-kontendenti. Ghalhekk din l-opinjoni m'hijiex konvincenti.

9. Wara li l-qorti qrat l-atti hi tal-fehma li probabbilment l-ilma dahal mill-fond tal-konvenuti.

10. Wahda mill-eccezzjonijiet tal-konvenut hi:-

    *"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fil-meritu, d-danni sofferti tal-attrici huma danni li gew kawzati minn forza magguri li fuqha ma kellu l-ebda kontroll l-esponenti"*.

    Ovvjament kien il-konvenut li kellu jaghti prova li l-hsara grat minhabba *force majeure*. Il-fatt wahdu li fit-3 ta' Settembru 2012 ghamlet hafna xita, mhijiex prova sodisfacenti. L-appellant argumenta wkoll:

    *"Mill-provi prodotti mill-konvenut (estratt minn gazzetta lokali u xhieda ta' Joseph Schiavone, in rapprezentanza tal-Ufficcju Metereologiku) jirrizulta bic-car li ma kinitx biss Calleja li kellha perkolazzjoni tal-ilma dakinhar tat-tlieta (3) ta' Settembru, 2012"*.

    'Il fatt li haddiehor, x'imkien iehor f'Malta, dahallu fid-dar l-ilma tax-xita lanqas mhi prova ta' *force majeure*. Dan apparti li m'hemmx prova li r-ritratti li hemm fl-estratt tal-gazzetta li pprezenta l-appellant (fol. 36) huma tal-lokalita' fejn jinsab il-fond tal-attrici.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant Dowdall.**

Anthony Ellul.